



# L-indirizzar tax-xogħol mhux iddikjarat fil-Kroazja u f'erba' pajjiżi kandidati tal-UE

## Sommarju eżekuttiv

### Introduzzjoni

L-għan ta' dan ir-rapport huwa li jipprovdi sinteżi sistematika lejn il-firxa u n-natura tax-xogħol mhux iddikjarat, u kif qiegħed jiġi indirizzat, fil-Kroazja u f'erba' pajjiżi kandidati tal-UE: l-Islanda, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro u t-Turkija. L-objettivi huma li jiġu analizzati l-kobor u t-tip ta' xogħol mhux iddikjarat f'dawn il-pajjiżi, li jintwera kif il-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat hija organizzata u li jiġu ppreżentati l-approċċi ta' politika u l-miżuri rilevanti li dawn il-pajjiżi qegħdin jadottaw. Matul ir-rapport, fejn possibbli, il-ħames pajjiżi jitqabblu mas-27 Stat Membru tal-UE (UE27).

### Kuntest tal-politika

#### Il-firxa u n-natura tax-xogħol mhux iddikjarat

Ikun xi jkun il-metodu tal-kejl li jintuża, is-sejba komuni hija li d-daqs tal-ekonomija mhux iddikjarata fl-Islanda huwa iżgħar mid-daqs medju tal-UE27, waqt li l-Kroazja, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro u t-Turkija għandhom ekonomiji mhux iddikjarati ikbar mill-medja tal-UE27.

In-natura tax-xogħol mhux iddikjarat tvarja madwar ir-reġjuni differenti tal-UE27. Sa fejn jista' jiġi ddeterminat, dawn il-ħames pajjiżi b'mod ġenerali jirriflettu l-varjazzjonijiet reġjonali wesgħin Ewropej fix-xogħol mhux iddikjarat fir-rigward tas-setturi li fihom huwa kkonċentrat; it-tipi ta' xogħol li jsir; min jagħmel dan ix-xogħol; u l-motivi tagħhom għalfejn jagħmluh. Is-sitwazzjoni fl-Islanda tirrifletti dik tal-pajjiżi Nordiċi, waqt li s-sitwazzjoni tal-erba' pajjiżi l-oħra tirrifletti l-Istati Membri tax-Xlokk tal-Ewropa. Madankollu, dan jitlob aktar validazzjoni. Mod kif wieħed jista' jipproċedi huwa li l-ħames pajjiżi jimplimentaw s'f'arrig tal-Eurobarometer, jew li l-Kummissjoni Ewropea tinkludihom fl-istħarriġ tal-Eurobarometer ta' kwalunkwe tieni grupp potenzjali.

#### Ostakoli għall-formalizzazzjoni

L-isħarriġ annwali "Doing Business" tal-Bank Dinji janalizza kemm hu faċli jew diffiċli għal intraprenditur lokali li jiftaħ u jmexxi negozju żgħir jew ta' daqs medju waqt li jkun konformi mar-regolamenti rilevanti. Ir-riżultati komposti għall-UE27 meħuda f'daqqa fl-2012 kklassifikawha fit-38 post fost il-183 pajjiż fl-istħarriġ. Dan huwa iktar baxx kemm mill-Islanda (ikklassifikata fid-9 post) u minn dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (ikklassifikata fit-22 post). Fil-Montenegro (ikklassifikat fis-56 post), fit-Turkija (ikklassifikata fil-71 post) u fil-Kroazja (ikklassifikata fit-80 post), madankollu, huwa iktar diffiċli li tmexxi n-negozju milli fil-bqija tal-UE27 meħuda f'daqqa, li jimplika li l-konformità jeħtieġ li ssir aktar faċli f'dawn il-pajjiżi.

F'termini ta' faċilità biex jinfetaħ negozju, l-UE27 b'mod kompost għet ikklassifikata s-66 fost 183 pajjiż. B'kuntrast, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja għet ikklassifikata s-sitt pajjiż l-aktar faċli li jinfetaħ negozju, saħansitra oġġla mill-pajjiż bl-aħjar prestazzjoni fl-UE, l-Irlanda, li għet kklassifikata fit-13-il post. L-Islanda għet ikklassifikata fis-37 post, waqt li l-Montenegro, it-Turkija u l-Kroazja ġew ikklassifikati fis-47, fil-61 u fis-67 post rispettivament. F'dawn il-ħames pajjiżi ma kellu prestazzjoni fqira daqs il-pajjiż bl-aħjar prestazzjoni mill-UE27 f'din il-kwistjoni, ir-Repubblika Ċeka, li għet ikklassifikata fil-138 post fost il-183 pajjiż partċipant.

F'termini ta' faċilità tal-ħlas tat-taxxi, l-UE27 b'mod kompost għet ikklassifikata fil-71 post, meta mqabbla ma' dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fis-6 post, il-Kroazja fit-32 post u l-Islanda fil-35 post. Madankollu, f'dawn il-ħames pajjiżi ma kellu prestazzjoni tajba daqs il-pajjiż bl-aħjar prestazzjoni tal-UE27 f'din il-kategorija; l-Irlanda għet ikklassifikata l-ħames. Il-konformità mar-regolamenti

fil-ħlas tat-taxxi hija iktar diffiċli għal negozji żgħar u ta' daqs medju fit-Turkija (ikklassifikata fid-79 post) u fil-Montenegro (ikklassifikata fil-108 post), għalkemm ħadd minnhom ma mar ħażin daqs il-pajjiż bl-agħar prestazzjoni fost l-UE27 f'dan l-istħarriġ, ir-Rumanija, li ġiet ikklassifikata fil-154 post.

## Sejbiet ewlenin

### L-organizzazzjoni tal-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat

B'differenza minn 26% tal-pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u l-Isvizzera, ħadd minn dawn il-ħames pajjiżi ma għandu aġenzija waħda responsabbli mill-konformità jew kumitat ċentrali ta' koordinazzjoni responsabbli mill-koordinazzjoni tad-dipartimenti differenti involuti fil-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat. Minflok, u fi gradi differenti, huma jadottaw approċċ aktar frammentat. Fi tlieta minnhom, inħatar korp statali wieħed bir-responsabbiltà ewlenija li jikkoordina l-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat: l-Amministrazzjoni tat-Taxxa fit-Turkija, l-Ispettorat tax-Xogħol f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u d-Direttorat tat-Taxxi Interni fl-Islanda. Fil-Kroazja u l-Montenegro, ir-responsabbiltà hija aktar frammentata, mingħajr xi korp ewleni, u b'kull dipartiment isegwi l-miri proprji tiegħu.

L-involviment tas-sħab soċjali fir-rigward tal-indirizzar tax-xogħol mhux iddikjarat ivarja wkoll, għalkemm xi livell ta' djalogu tripartit soċjali jseħħ fil-ħames pajjiżi kollha kemm huma. Fil-Kroazja, il-Kunsill Ekonomiku u Soċjali ilu fis-seħħ sa mill-1994 u l-Uffiċċju dwar is-Sħubija Soċjali kien stabbilit fl-2011. Minkejja dan, it-trejdjunjins irtiraw mill-Kunsill Ekonomiku u Soċjali għal sitt xhur fl-2010 bi protesta dwar id-djalogu batut. Fil-Montenegro, il-Kunsill Soċjali jinvolvi s-sħab soċjali. F'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, fit-Turkija u fl-Islanda, ma jeżisti ebda kunsill formali li jiffaċilita dan id-djalogu fir-rigward tax-xogħol mhux iddikjarat, għalkemm is-sħab soċjali jipparteċipaw fit-tfassil tal-politika permezz tal-involviment tagħhom f'kampanji u inizjattivi.

### Approċċi ta' politika rigward ix-xogħol mhux iddikjarat

L-indirizzar tax-xogħol mhux iddikjarat fl-UE27 tradizzjonalment kien iddominat minn approċċ ripressiv li jfittex li jeliminah. Riċentement, madankollu, saret sejħa mill-Kummissjoni Ewropea biex jinstabu miżuri aktar ta' abilitazzjoni li jipprevjenu n-nies milli jidħlu fl-ekonomija mhux iddikjarata u li jgħinu lil dawk li jaħdmu b'mod mhux iddikjarat biex jillegalizzaw l-operat tagħhom.

Għalkemm il-miżuri ripressivi għad għandhom importanza konsiderevoli marbuta magħhom fl-UE27 fl-indirizzar tax-xogħol mhux iddikjarat, u l-miżuri ta' politika ta' abilitazzjoni b'mod ġenerali jitqiesu inqas importanti, jeżistu differenzi reġjonali f'kemm dawn il-miżuri ta' abilitazzjoni qegħdin jiġu inkorporati fir-repurtorju tal-miżuri mħaddma. Dan japplika wkoll fil-każ tal-pajjiżi eżaminati f'dan l-istudju. Fl-Islanda, il-miżuri ta' abilitazzjoni jingħataw aktar importanza milli fl-erba' pajjiżi tax-Xlokk, u dan jirrifletti s-sitwazzjoni fil-pajjiżi Nordiċi ġirien tagħha. L-erba' pajjiżi tax-Xlokk, bħall-Istati Membri tal-UE27 li jinsabu fin-Nofsinhar, b'mod ġenerali qed idumu iktar biex jagħrfu l-importanza ta' approċċ ta' abilitazzjoni, għalkemm jeżistu differenzi bejn dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Kroazja, il-Montenegro u t-Turkija f'termini tal-wisa', tal-fond u tal-effikaċja tal-miżuri ta' abilitazzjoni li huma adottaw. B'mod ġenerali, madankollu, miżuri ta' kura huma inqas komuni fil-ħames pajjiżi milli fl-UE27, u miżuri 'rotob' li jrawmu l-impenn lejn il-moralità fiskali huma relattivament ġodda.

## Indikaturi tal-politika

Il-ħames pajjiżi jeħtieġ li jagħtu iktar prominenza lil medda iktar sħiħa ta' miżuri ta' inċentiv 'ibsin' biex jipprevjenu x-xogħol mhux iddikjarat u jindirizzawh b'mod aktar effikaċi, kif ukoll lil miżuri 'rotob' li jrawmu l-impenn lejn il-moralità fiskali. Ġiet identifikata korrelazzjoni qawwija bejn pajjiżi b'iktar intervent fis-suq tax-xogħol, protezzjoni soċjali, ridistribuzzjoni u ugwaljanza, u ekonomiji mhux iddikjarati iżgħar. Tabilħaqq, din tista' tkun spjegazzjoni tentattiva għaliex fl-Islanda d-daqs tal-ekonomija mhux iddikjarata huwa taħt il-medja tal-UE27, waqt li fil-Kroazja, f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, fil-Montenegro u fit-Turkija, l-ekonomija mhux iddikjarata hija ikbar mill-medja tal-UE27.

### Aktar informazzjoni

Ir-rapport dwar "*Tackling undeclared work in Croatia and four EU candidate countries*" (L-indirizzar tax-xogħol mhux iddikjarat fil-Kroazja u f'erba' pajjiżi kandidati tal-UE) huwa disponibbli fuq <http://www.eurofound.europa.eu/pubdocs/2013/242/en/1/EF13242EN.pdf>.

Għal aktar informazzjoni, ikuntattja lil Donald Storrie, Kap tat-Taqsim, fuq [dst@eurofound.europa.eu](mailto:dst@eurofound.europa.eu)